KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2016 [1]

Kawża C-156/15

Private Equity Insurance Group SIA
vs
Swedbank AS

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja)]

"Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Integrazzjoni tas-swieq finanzjarji — Arranġamenti finanzjarji kollaterali — Direttiva 2002/47/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċetti ta' 'arranġament dwar kollateral finanzjarju' u ta' 'obbligazzjonijiet finanzjarji relevanti' — Artikolu 2(1)(a) u (f) — Provvista ta' kollateral finanzjarju — Kunċetti ta' 'pussess' jew ta' 'kontroll' tal-kollateral finanzjarju — Artikolu 2(2) — Nuqqas ta' applikabbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar l-insolvenza — Artikoli 4 u 8 — Kuntratt ta' kont bankarju kurrenti li fih klawżola ta' rahan finanzjarju favur il-bank"

Introduzzjoni

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi għall-ewwel darba dwar is-sistema armonizzata applikabbli għall-arranġamenti finanzjarji kollaterali, stabbilita mid-Direttiva 2002/47/KE [2].

2. L-għoti ta' kollateral finanzjarju — fil-forma ta' flus kontanti jew strumenti finanzjarji — jiffavorixxi l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji billi jippermetti li jiġi limitat ir-riskju fit-tranżazzjonijiet. Id-Direttiva 2002/47/KE għalhekk tikkostitwixxi strument importanti fl-integrazzjoni ta' dawn is-swieq, billi tissemplifika l-konklużjoni tal-arranġamenti finanzjarji kollaterali, billi tillimita l-formalitajiet marbuta magħhom u billi tipproteġi lil dawn l-arranġamenti minn ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-insolvenza [3].

3. Din il-kawża, li tinvolvi b'mod partikolari l-kontestazzjoni tal-validità ta' klawżola kuntrattwali li tipprevedi r-rahan ta' fondi ddepożitati f'kont kurrenti favur il-bank, toffri l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE u, b'mod iktar ġenerali, biex teżamina l-bilanċ stabbilit minn din id-direttiva bejn il-kunsiderazzjonijiet dwar l-effikaċja tas-suq u dawk marbuta maċ-ċertezza legali tal-partijiet fl-arranġament u ta' terzi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ġunju 2002, dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3, p. 89).

3 — Ara l-premessi 7 u 9 sa 12 tad-Direttiva 2002/47/KE.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 1(4) u (5) tad-Direttiva 2002/47/KE[4], intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jiddisponi:

"4.

(a) Il-kollateral finanzjarju li jrid jiġi pprovdut irid jikkonsisti fi flus kontanti jew strumenti finanzjarji. […]

5. Din id-Direttiva tapplika għall-kollateral finanzjarju, ladarba tkun ġiet ipprovduta u jekk dik l-għotja tkun tista tiġi testimonjata bil-mik[t]ub.

Ix-xhieda ta' l-għoti ta' kollateral finanzjarju għandha tippermetti għall-identifikazzjoni tal-kollateral finanzjarju li għalih japplika. Għal dan il-għan, huwa biżżejjed li jiġi ppruvat illi l-kollateral tal-garanziji tat-tiniżżil fil-ktieb, ikunu ġew ikkreditati ġo kont magħżul [jew jikkostitwixxi kreditu fih u li l-kollateral fi flus kontanti jkun ġie kkreditat fil-kont magħżul jew jikkostitwixxi kreditu fih].

[…]"

5. L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jiddisponi:

"1. Għall għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'arranġament dwar kollateral finanzjarju' tfisser arranġament kollaterali finanzjarju dwar trasferiment ta' titlu jew arranġament dwar kollaterali finanzjarju ta' garanzija, irrispettivament jekk humiex koperti jew le minn ftehim primarju jew termini ġenerali u kondizzjonijiet;

[…]

(ċ) 'arranġament kollaterali finanzjarju [ta' sigurtà]' jfisser arranġament, liema arranġament taħtu, min jipprovdi l-kollateral, jipprovdi kollateral finanzjarju permezz ta' garanzija favur ta' jew lil, min jakkwista l-kollateral, u meta l-propjeta sħiħa tal-kollateral finanzjarju tibqa ma' min ikun jipprovdi il-kollateral, meta id-dritt tas-sigurtà ikun stabbillit;

(d) 'flus kontanti' tfisser flus ikkreditati ġo kont bi kwalunkwe munita, jew talbiet simili għall-ħlas mill-ġdid ta' flus, bħal depożiti fis-suq tal-flus;

[…]

(f) 'obbligazzjonijiet finanzjarji relevanti' tfisser l-obbligazzjonijiet li huma garantiti permezz ta' arranġament dwar il-kollateral finanzjarju u li jagħtu dritt għal ħlas ta' flus kontanti u/jew konsenja ta' strumenti finanzjarji.

[…]

4 — Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE applikabbli fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali jippreċedu l-emendi introdotti bid-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU 2009, L 146, p. 37).

2. Referenzi f'din id-Direttiva għal kollateral finanzjarju bħala jkun 'ipprovdut', jew għall 'għoti' ta' kollateral finanzjarju, huma għall-kollateral finanzjarju bħala konsenjat, trasferit, miżmum, reġistrat jew xort'oħra msejjaħ sabiex ikun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' min ikun qiegħed jakkwista l-kollateral jew ta' persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' min ikun qiegħed jakkwista l-kollateral[.]Kwalunkwe dritt ta' sostituzzjoni jew sabiex jiġi rtirat l-eċċess tal-kollateral finanzjarju, favur min ikun qiegħed jipprovdi l-kollateral, m'għandux jippreġudika il-kollateral finanzjarju, bħala pprovdut lil min ikun qiegħed jakkwista l-kollateral, kif imsemmi f'din id-Direttiva."

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/47/KE, intitolat "L-enforzar ta' l-arranġament dwar il-kollateral finanzjarju", jiddisponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi meta jseħħ avveniment t'enforzar, min jakkwista l-kollateral għandu jkun jista jirrealizza permezz tas-segwenti, kwalunkwe kollateral finanzjarju pprovdut taħt, u soġġett għat-termini mifthiema f'arranġament dwar il-kollateral finanzjarju tal-garanzija:

[…]

(b) flus kontanti permezz ta' tpaċija ta' l-ammont kontra, jew billi jiġi applikat bħala skarigu ta' l-obbligazzjonijiet finanzjarji relevanti.

[…]

4. Il-manjieri ta' kif jiġi realizzat il-kollateral finanzjarju li għalih saret referenza fil-paragrafu 1, għandhom ikunu soġġetti għat-termini mifthiema fl-arranġament dwar il-kollateral finanzjarju ta' garanzija:

(a) għandu jkun ingħata avviż dwar l-intenzjoni għall-irrealizzar, minn qabel;

(b) it-termini ta' l-irrealizzar ikun approvati minn kwalunkwe qorti, uffiċċjal pubbliku jew persuna oħra;

(ċ) ir-realizazzjoni għandha tkun kondotta permezz ta' rkant pubbliku, jew permezz ta' kwalunkwe manjiera oħra preskritta; jew

(d) kwalunkwe terminu ieħor miżjud, irid ikun skada.

5. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-arranġament dwar il-kollateral finanzjarju jidħol fis-seħħ skond it-termini tiegħu, *nonostante* l-inizzjalar jew il-kontinwazzjoni tal-proċeduri ta' xoljiment jew miżuri ta' organizazzjoni mill-ġdid, dwar minn jipprovdi l-kollateral jew min jakkwista l-kollateral.

[…]"

7. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/47/KE jillimita l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-insolvenza [5].

5 — Jien ma niċċitax dan l-artikolu kompletament — bl-istess mod bħall-Artikolu 1(2)(e) u l-Artikolu 3 tal-istess direttiva — minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet, minkejja li jissemmew mill-qorti tar-rinviju, ma humiex direttament rilevanti għar-risposta li nipproponi li tingħata għad-domandi preliminari.

Id-dritt Latvjan

8. Id-Direttiva 2002/47/KE ġiet trasposta fid-dritt Latvjan mill-Finanšu nodrošinājuma likums (liġi dwar il-kollateral finanzjarju).

Il-kawża prinċipali

9. Fl-14 ta' April 2007, l-Izdevniecība Stilus SIA, li s-suċċessur fid-dritt tagħha huwa l-Private Equity Insurance Group SIA, ikkonkludiet kuntratt standard ta' kont kurrenti ma' Swedbank AS.

10. Il-klawżola 3.9 ta' dan il-kuntratt hija fformulata kif ġej:

"Il-fondi tal-klijenti li jinsabu jew ser ikunu jinsabu fil-kont għandhom jingħataw b'rahan lill-bank bħala rahan finanzjarju u għandhom jiggarantixxu d-dejn kollu tal-bank. Jekk il-klijent ma jkunx poġġa fil-kont il-fondi neċessarji għat-twettiq tal-pagamenti kif ukoll fil-każijiet l-oħra kollha fejn, konformement mal-kuntratt jew ma' ftehimiet oħra konklużi mal-bank kif ukoll abbażi ta' kwalunkwe bażi legali oħra, il-bank ikollu dejn fil-konfront tal-klijent, dan għandu d-dritt li jitħallas bl-infurzar tar-rahan finanzjarju, jiġifieri l-bank għandu d-dritt, mingħajr ma jinforma b'dan minn qabel lill-klijent, li jiġbed (jittrasferixxi) is-somma dovuta mill-kont. […]"

11. Fil-25 ta' Ottubru 2010, Izdevniecība Stilus ġiet iddikjarata falluta. Sussegwentement, l-amministratur tal-proċedura ta' falliment ikkonkluda kuntratt ġdid ta' kont kurrenti li jinkludi l-istess klawżola ta' rahan finanzjarju.

12. Fit-8 ta' Ġunju 2011, Swedbank ġibed LVL 192.30 (madwar EUR 274) mill-kont kurrenti ta' Izdevniecība Stilus, bħala spejjeż taż-żamma tal-kont għall-perijodu sad-dikjarazzjoni ta' falliment.

13. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, irrappreżentata mill-amministratur tal-proċedura ta' falliment, ressqet talba ġudizzjarja kontra Swedbank biex tirkupra dan l-ammont, billi bbażat ruħha fuq il-prinċipji tad-dritt nazzjonali li jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament tal-krediturifil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza kif ukoll fuq il-projbizzjoni għal kreditur individwali li jwettaq atti li jikkawżaw dannu lil krediturioħra.

14. Il-qrati Latvjani, tal-ewwel istanza u tal-appell, ċaħdu t-talba billi invokaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/47/KE, li jeskludu l-kollateral finanzjarju mill-applikazzjoni tad-dritt tal-insolvenza.

15. L-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja), bħala qorti ta' kassazzjoni, għandha dubji fir-rigward tal-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali u fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit mill-kostituzzjoni Latvjana. Il-qorti tar-rinviju tqis li, qabel il-possibbiltà li l-kawża titressaq quddiem is-Satversmes tiesa (qorti kostituzzjonali, il-Latvja), għandhom jitneħħew id-dubji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE.

16. Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kollateral finanzjarju tipprevedi prijorità assoluta għal riċevitur ta' kollateral finanzjarju fuq il-kredituril-oħra, anki fis-sitwazzjoni ta' krediti privileġġati, bħall-krediti tal-Istat jew tal-impjegati. Hija tistaqsi dwar jekk tali prijorità hijiex iġġustifikata mill-għanijiet tad-Direttiva 2002/47/KE.

17. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk id-Direttiva 2002/47/KE tapplikax għal kollateral mogħti b'ratba ma' kont kurrenti li ma jintużax fil-kuntest ta' sistemi ta' saldu tat-titoli previsti mid-Direttiva 98/26/KE[6]. Barra minn hekk, hija għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 8 tad-Direttiva 2002/47/KE, billi tistaqsi dwar il-konformità, mal-għan previst minn din id-direttiva, tal-prijorità tal-kollateral finanzjarju fuq it-tipi l-oħra kollha ta' garanziji, b'mod partikolari dawk imdaħħla f'reġistru bħall-ipoteka.

Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Huwa f'dan il-kuntest li l-Augstākā tiesa (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, eżaminat fid-dawl tal-premessi 1 u 4 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss il-kontijiet li jintużaw għar-regolarizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' titoli jew li japplika għal kwalunkwe kont miftuħ f'bank, inkluż kont kurrenti li ma jintużax għar-regolarizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' titoli?

2) L-Artikoli 3 u 8 tad-Direttiva 2002/47/KE, eżaminati fid-dawl tal-premessi 3 u 5 ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li din tal-aħħar għandha bħala għan li tiggarantixxi lill-istabbilimenti ta' kreditu trattament prijoritarju partikolarment favorevoli fil-każ ta' falliment tal-klijenti tagħhom, u b'mod iktar speċifiku, meta mqabbla ma' krediturі oħra ta' dawn il-klijenti, bħall-ħaddiema fir-rigward ta' krediti ta' salarju, bħall-Istat fir-rigward ta' krediti fiskali u bħall-krediturі li għandhom privileġġ fuq il-bażi ta' garanzija li tibbenefika minn awtentiċità li tirriżulta minn reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku?

3) L-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2002/47/KE għandu jitqies li huwa dispożizzjoni ta' armonizzazzjoni minima jew sħiħa, jiġifieri, għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lil Stat Membru jestendi din id-dispożizzjoni għal persuni li huma espliċitament eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva?

4) L-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2002/47/KE huwa dispożizzjoni direttament applikabbli?

5) Fil-każ li l-għan u l-portata tad-Direttiva 2002/47/KE ikunu iktar limitati mill-għan u mill-portata effettivi tal-liġi nazzjonali, li l-adozzjoni tagħha kienet formalment iġġustifikata mill-obbligu li tiġi trasposta din id-direttiva, huwa possibbli li jsir użu mill-interpretazzjoni tal-imsemmija direttiva sabiex tiġi ddikjarata invalida klawżola finanzjarja kollaterali [ta' rahan finanzjarju] bbażata fuq id-dritt nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali?"

19. Id-deċiżjoni tar-rinviju, tal-11 ta' Marzu 2015, waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' April 2015. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-konvenut fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Latvjan, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

20. Dawn il-partijiet u partijiet ikkonċernati, kif ukoll ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ipparteċipaw ukoll fis-seduta, li nżammet fil-11 ta' Mejju 2016.

6 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Mejju 1998, dwar finalità ta' *settlement* fis-sistemi ta' *settlement* ta' pagamenti u titoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 107).

Analiżi

Fuq l-ewwel domanda

Osservazzjonijiet preliminari

21. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2002/47/KE tipprevedix kollateral li jiġi pprovdut fi flus kontanti ddepożitati f'kont kurrenti u li jkopri l-krediti kollha tal-bank lejn id-detentur tal-kont, meta dan il-kont ma jkunx maħsub biex jintuża fil-kuntest tas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli previsti mid-Direttiva 98/26.

22. Minkejja li l-qorti tar-rinviju tirreferi għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/47/KE, mill-kontenut tad-domanda magħmula jirriżulta li din tfittex li tiddetermina, b'mod ġenerali, jekk tali kollateral jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

23. Din id-domanda teħtieġ l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2002/47/KE, li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u jiddefinixxu l-kunċetti rilevanti.

24. F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 1(4)(a) u l-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Direttiva 2002/47/KE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprevedu kollateral bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta dan ma jkollu ebda rabta mas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli, previsti mid-Direttiva 98/26.

25. Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet dwar il-provvista ta' kollateral finanzjarju previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE, sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tiddetermina jekk il-kollateral ikkonċernat f'dan il-każ ġiex ipprovdut konformement ma' dawn il-kundizzjonijiet u jistax għalhekk jaqa' taħt is-sistema stabbilita minn din id-direttiva.

26. Nosserva li, minkejja li l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE ma humiex previsti mill-formulazzjoni tad-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirriżerva espressament id-dritt li testendi l-portata tad-domandi preliminari sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, bil-kundizzjoni li tiġi ppreżervata s-sustanza tad-domanda magħmula [7].

27. Din il-kundizzjoni, fil-fehma tiegħi, hija ssodisfatta f'dan il-każ, peress li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2002/47/KE hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju tiddetermina jekk il-klawżola inkwistjoni taqax taħt is-sistema stabbilita minn din id-direttiva. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet kienet is-suġġett ta' mistoqsija bil-miktub indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-partijiet fil-kawża prinċipali u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra, li setgħu għalhekk jesprimu ruħhom b'mod utli dwar dan is-suġġett matul is-seduta.

Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(4)(a) u tal-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Direttiva 2002/47/KE

28. Sabiex tingħata risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq il-portata tas-sistema stabbilita mid-Direttiva 2002/47/KE b'rabta ma' żewġ aspetti, jiġifieri s-suġġett tal-kollateral u l-obbligi koperti.

7 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 1997, Phytheron International (C-352/95, EU:C:1997:170, punt 14).

29. Fl-ewwel lok, fir-rigward tas-suġġett tal-kollateral, konformement mal-Artikolu 1(4)(a) tad-Direttiva 2002/47/KE, il-kollateral previst minn din id-direttiva għandu jingħata f'forma ta' strumenti finanzjarji jew flus kontanti. Il-kunċett ta' "flus kontanti" huwa ddefinit, fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2002/47/KE, bħala flus ikkreditati ġo kont kif ukoll krediti simili għall-ħlas lura ta' flus [8]. Din id-definizzjoni hija fformulata b'mod wiesa' u tkopri l-flus kontanti ddepożitati f'kont kurrenti. Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2002/47/KE ma tillimita l-applikazzjoni tagħha biss għall-kollateral ipprovdut fil-kuntest tas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli previsti mid-Direttiva 98/26.

30. Fil-fatt, għalkemm mill-premessi 1 u 4 tad-Direttiva 2002/47/KE jirriżulta li l-adozzjoni ta' din id-direttiva tidħol fil-kuntest ġuridiku stabbilit, b'mod partikolari, mid-Direttiva 98/26, u li l-esperjenza wriet li jkun vantaġġuż li l-kollateral ipprovdut fil-kuntest tas-sistemi previsti minn din id-direttiva tal-aħħar ikun suġġett għal regoli komuni, din il-kunsiderazzjoni fiha nfisha ma tistax twassal għall-konklużjoni li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE huwa limitat għall-kollateral ipprovdut fil-kuntest tal-imsemmija sistemi. Tali konklużjoni ma tirriżulta minn ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE. Barra minn hekk, skont l-imsemmija premessa 4 ċċitata iktar 'il fuq, is-sistema prevista mid-Direttiva 2002/47/KE tikkomplementa l-istrumenti leġiżlattivi fis-seħħ billi tindirizza kwistjonijiet oħra u billi tmur lil hinn minnhom.

31. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mix-xogħol preparatorju, li minnu jirriżulta li l-proposta li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE kienet ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni li skontha, għalkemm id-Direttiva 98/26 kienet tirregola l-kollateral ipprovdut fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, kienu meħtieġa miżuri oħra biex jiffavorixxu l-użu effikaċi tal-kollateral finanzjarju, li jmorru lil hinn mill-avvanzi permessi mid-Direttiva 98/26 [9]. Bl-istess mod, mir-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE jirriżulta li għalkemm id-Direttiva 98/26 kienet diġà pprevediet li tagħti ċerta protezzjoni lill-kollateral ipprovdut b'rabta ma' parteċipazzjoni f'sistema prevista minn din id-direttiva, l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE kienet tistrieħ fuq in-neċessità ta' approċċ iktar globali, bl-għan li tiġi żgurata l-effikaċja tal-kollateral finanzjarju, fuq kollox fit-tranżazzjonijiet transkonfinali [10].

32. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kunċett ta' "obbligazzjonijiet finanzjarji relevanti", mid-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2(1)(f) tad-Direttiva 2002/47/KE jirriżulta li l-obbligi finanzjarji kkonċernati huma dawk li jagħtu dritt għal ħlas fi flus kontanti u/jew għall-kunsinna ta' strumenti finanzjarji u li dawn jistgħu jikkonsistu, totalment jew parzjalment, f'obbligi preżenti jew futuri, obbligi ta' terzi jew f'obbligi ta' klassi jew tip speċifiku, li jqumu minn żmien għal żmien.

33. Din id-definizzjoni tkopri s-sitwazzjoni, li hija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-kollateral ikopri l-krediti kollha tar-riċevitur lejn min jipprovdi l-kollateral. Fil-fatt, mix-*xogħol preparatorju* tad-Direttiva 2002/47/KE jirriżulta li l-kunċett ta' "obbligazzjonijiet finanzjarji relevanti" kellu jinkludi l-użu ta' klawżoli tat-tip *all monies*, li jestendu l-kollateral għal kull obbligu preżenti jew futur tal-emittent lejn ir-riċevitur [11]. Barra minn hekk, il-Gvern tar-Renju Unit irrileva, matul is-seduta, li tali klawżoli jintużaw b'mod wiesa' fil-prattika.

8 — Dan għalhekk jeskludi l-karti tal-flus. Ara wkoll il-premessa 18 tad-Direttiva 2002/47/KE.

9 — Ara l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali [COM(2001) 168, tas-27 ta' Marzu 2001, p. 1]. Ara wkoll, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE fid-dritt Pollakk, Pisuliński, J., "Zabezpieczenia finansowe w systemie prawa cywilnego", Przegląd Prawa Handlowego 6/2005, p. 27.

10 — Ara r-rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (2002/47/KE) [COM(2006) 833 final, tal-20 ta' Diċembru 2006, p. 3]. Nosserva li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE ma huwiex limitat għat-tranżazzjonijiet transkonfinali.

11 — Ara COM(2001) 168, tas-27 ta' Marzu 2001, espożizzjoni tal-motivi dwar l-Artikolu 2. Fil-kuntest tal-ewwel proposta leġiżlattiva tagħha, il-Kummissjoni eżaminat liema tipi ta' riskji ta' kreditu (exposure) kellhom ikunu koperti, u kkonkludiet li jkun kemm diffiċli kif ukoll inutli li wieħed jipprova jagħmel distinzjoni bejn diversi tranżazzjonijiet f'dan ir-rigward. Ara d-dokument tal-Kummissjoni Ewropea "Working Document on Collateral: First preliminary draft proposal for a Directive", 15 ta' Ġunju 2000, p. 6, kif ukoll Yeowart, G., "Purpose of the Financial Collateral Directive", f'Yeowart, G., u Parsons, R., *Yeowart and Parsons on the Law of Financial Collateral*, Edward Elgar Publishing, 2016, p. 19.

34. Nosserva li mir-rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva 2002/47/KE jirriżulta li ċerti Stati Membri rrestringew il-kamp ta' applikazzjoni tal-kollateral fir-rigward ta' ċerti obbligi finanzjarji, fil-każ partikolari fejn min jipprovdi l-kollateral ma huwiex persuna msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (d) tad-Direttiva 2002/47/KE [12]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jittrasponu l-imsemmija direttiva billi jillimitaw l-applikazzjoni tas-sistema armonizzata biss għall-korpi pubbliċi u għall-istituzzjonijiet finanzjarji previsti fl-Artikolu 1(2)(a) u (d) tad-Direttiva 2002/47/KE. Madankollu, il-fatt li l-Istati Membri eżerċitaw din il-possibbiltà ma huwiex rilevanti għall-finijiet li jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva f'dan il-każ, peress li r-Repubblika tal-Latvja ma invokatx l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/47/KE matul it-traspożizzjoni.

35. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, inqis li d-Direttiva 2002/47/KE ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tipprevedi esklużivament il-kollateral ipprovdut fil-kuntest tas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(1)(f) tad-Direttiva 2002/47/KE, l-obbligi rilevanti ma humiex ristretti għal dawk b'rabta mas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli, iżda jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, kull obbligu li jagħti dritt għal ħlas fi flus kontanti. L-imposti marbuta mal-ġestjoni ta' kont kurrenti jaqgħu b'mod ċar taħt din il-kategorija ta' obbligi.

36. Fl-aħħar nett, il-partijiet kollha li kienu ppreżentaw osservazzjonijiet f'din il-kawża jaqblu dwar tali interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2002/47/KE. Il-Kummissjoni b'mod partikolari indikat, matul is-seduta, li l-interpretazzjoni li kull obbligu li jagħti dritt għal ħlas fi flus kontanti huwa kopert hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-effett utli ta' din id-direttiva, fid-dawl tad-diversità kbira ta' obbligi rilevanti għall-funzjonament tas-swieq finanzjarji.

37. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-Artikolu 1(4)(a) u l-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Direttiva 2002/47/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprevedu kollateral, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jiġi pprovdut fi flus kontanti ddepożitati f'kont bankarju u li jkopri l-krediti kollha tal-bank fil-konfront tad-detentur tal-kont. Il-kwistjoni dwar jekk dan il-kont jintużax fil-kuntest ta' sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli previsti mid-Direttiva 98/26 ma hijiex rilevanti.

Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE

38. Skont l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2002/47/KE, din tal-aħħar tapplika ladarba l-kollateral finanzjarju jkun ġie pprovdut u jekk din il-provvista tkun tista' tintwera bil-miktub.

39. Din id-dispożizzjoni tinqara fid-dawl tal-premessa 10 tad-Direttiva 2002/47/KE, li skontha din id-direttiva, filwaqt li teżenta l-konklużjoni ta' arranġament finanzjarju kollaterali minn ċerti rekwiżiti proċedurali previsti mid-dritt nazzjonali [13], għandha tipprovdi bilanċ bejn l-effikaċja tas-suq u ċ-ċertezza legali tal-partijiet fil-kuntratt u ta' terzi. Skont din l-istess premessa, id-Direttiva 2002/47/KE tiżgura li jintlaħaq dan il-bilanċ bil-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkopri biss l-arranġamenti finanzjarji kollaterali li jipprevedu "xi forma ta' spussess", fi kliem ieħor il-provvista tal-kollateral finanzjarju, u meta l-provvista tal-kollateral finanzjarju tista' tintwera bil-miktub.

40. Ir-rekwiżit tal-provvista tal-kollateral għalhekk jikkostitwixxi *quid pro quo* għad-deroga, fl-interess tal-effikaċja tas-suq, mir-rekwiżiti proċedurali previsti mid-dritt nazzjonali [14].

12 — Kif jirriżulta minn dan ir-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni, il-leġiżlatur Ġermaniż, fost l-oħrajn, fil-każ fejn min jipprovdi l-kollateral ma jkunx istituzzjoni finanzjarja, illimita l-kollateral rilevanti għal dak intiż li jipproteġi ċerti obbligi finanzjarji ddefiniti bi preċiżjoni, bl-esklużjoni b'mod partikolari tas-self f'kontanti għal terminu twil lil impriżi [ara COM(2006) 833 final, tal-20 ta' Diċembru 2006, p. 9].

13 — Ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/47/KE.

14 — Ara Parsons, R., "'Possession' or 'Control' test to be satisfied when creating a security financial collateral arrangement", f'Yeowart, G., u Parsons, R., *Yeowart and Parsons on the Law of Financial Collateral*, Edward Elgar Publishing, 2016, p. 168.

41. Skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE, il-kunċett ta' "għoti" tal-kollateral jindika li dan jiġi kkunsinnat, ittrasferit, miżmum, irreġistrat jew li jissejjaħ mod ieħor sabiex ikun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' min ikun qiegħed jakkwistah jew ta' persuna li tkun qiegħda taġixxi f'isem min ikun qiegħed jakkwistah.

42. Din il-kundizzjoni ta' akkwist tal-"pussess jew […]kontroll" hija element ewlieni li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk l-arranġament kollaterali partikolari jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE. Arranġament kollaterali jista' jiġi kklassifikat biss bħala "arranġament dwar kollateral finanzjarju", fis-sens tad-Direttiva 2002/47/KE, jekk il-kollateral jiġi pprovdut, b'tali mod li r-riċevitur tal-kollateral jakkwista l-pussess jew il-kontroll tiegħu.

43. Madankollu, minbarra l-arranġamenti kollaterali finanzjarji dwar trasferiment ta' titolu, li jimplikaw li, bla ħsara għall-ftehimiet dwar xiri mill-ġdid, il-proprjetà sħiħa ta' strumenti finanzjarji jew ta' flus kontanti mogħtija bħala kollateral tgħaddi għand ir-riċevitur ta' dan tal-aħħar sabiex jiġi żgurat it-twettiq tal-obbligi finanzjarji rilevanti [15], l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' akkwist tal-"pussess" jew ta' "kontroll", fil-kuntest tal-flus kontanti jew tal-istrumenti finanzjarji, hija problematika. Ċerti awturi jsostnu li din probabbilment tirrigwarda l-aspett l-iktar kontroversjali tas-sistema tal-kollateral finanzjarju stabbilit mid-Direttiva 2002/47/KE [16].

44. Mill-osservazzjonijiet tal-Gvern tar-Renju Unit u tal-Kummissjoni jirriżulta li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti inkwistjoni qajmet diffikultajiet fil-prattika, li huma riflessi b'mod partikolari f'żewġ sentenzi tal-qrati tar-Renju Unit li jinterpretaw, fost oħrajn, it-terminu "kontroll", fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE.

45. Fil-kawża *Gray* [17], dwar il-kollateral f'forma ta' flus kontanti ddepożitati f'kont bankarju, id-dibattitu kien ikkonċentrat fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjoni relatata mal-kontroll hijiex issodisfatta meta l-kont, minkejja li ġestit mir-riċevitur tal-kollateral, ma jkunx imblokkat. Il-qorti tar-Renju Unit iddeċidiet li l-provvista tal-kollateral tippreżupponi li r-riċevitur ikun jista' jimpedixxi lil min jipprovdi l-kollateral milli jiddisponi minnu. Barra minn hekk, ir-riċevitur għandu jkollu kontroll "legali" fuq is-suġġett tal-kollateral, peress li sempliċi kontroll amministrattiv jew prattiku ma huwiex biżżejjed. Dawn il-kundizzjonijiet ma kinux issodisfatti f'dan il-każ, peress li min jipprovdi l-kollateral seta' jitlob l-irtirar tal-fondi ddepożitati fil-kont mingħajr restrizzjoni.

46. Il-problema tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE reġgħet qamet fil-kawża *Lehman Brothers International (Europe)* [18]. Il-qorti Brittanika osservat li s-sentenza *Gray* kienet is-suġġett ta' kummenti li jikkritikaw il-fatt li l-applikazzjoni stretta tar-rekwiżit ta' kontroll "legali" tista' teskludi mis-sistema tad-Direttiva 2002/47/KE ċerti arranġamenti użati fil-prattika u mfassla bl-intenzjoni li dawn jiddaħħlu fiha. Filwaqt li tinnota dawn il-kritiki, dik is-sentenza essenzjalment ikkonfermat l-approċċ segwit fil-kawża *Gray* fir-rigward tal-kriterju ta' "kontroll legali", billi kkonstatat li sempliċi kontroll amministrattiv tas-suġġett tal-kollateral ma jkunx biżżejjed sabiex jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE, b'mod partikolari meta min jipprovdi l-kollateral ikollu d-dritt li jiddisponi mill-fondi kkonċernati mingħajr restrizzjoni.

47. Fil-kawża prinċipali, il-Kummissjoni tosserva li l-provvista tal-kollateral finanzjarju timplika li r-riċevitur jeżerċita "kontroll legali" fuq is-suġġett tal-kollateral, mifhum bħala s-setgħa li min jipprovdi l-kollateral ma jitħalliex jiddisponi minnu. Id-dritt, għal min jipprovdi l-kollateral, li jirtira liberament flus kontanti mill-kont li jkunu s-suġġett tal-kollateral imur kontra din il-kundizzjoni. Matul is-seduta, il-Kummissjoni speċifikat li hija għalhekk issostni, essenzjalment, l-istess pożizzjoni adottata mill-qrati tar-Renju Unit fil-kawżi ċċitati iktar 'il fuq.

15 — Ara l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2002/47/KE.

16 — Ara Parsons, R., *op. cit.*, p. 167.

17 — *Gray and others v G-T-P Group Limited: Re F2G Realisations Limited (in liquidation)* [2010] EWHC 1772 (Ch), punti 60 sa 62.

18 — *Lehman Brothers International (Europe) (In Administration)* [2012] EWHC 2997 (Ch), punti 119 sa 126 u 131 sa 137.

48. Naħseb li l-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-qrati tar-Renju Unit biex jiċħdu l-argument li sempliċi kontroll amministrattiv eżerċitat fuq is-suġġett tal-kollateral ikun biżżejjed huma wkoll rilevanti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE f'dan il-każ.

49. Fil-fatt, kif jindikaw ġustament il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni, ir-rekwiżit dwar l-akkwist tal-"pussess jew […] il-kontroll" tal-kollateral mir-riċevitur, previst fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE[19], ikun nieqes minn kull effett utli jekk dan jiġi interpretat fis-sens li jkopri s-sitwazzjoni li fiha min jipprovdi l-kollateral jista' jkompli jiddisponi minnu liberament.

50. Nosserva li t-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE tivvalida t-tekniki tal-kollateral li jippermettu lil min jipprovdi l-kollateral jissostitwixxih jew jirtira l-kollateral eċċessiv. Minn dan jista' jiġi dedott, *a contrario*, li drittijiet iktar estiżi mogħtija lil min jipprovdi l-kollateral ifissru li r-rekwiżit tal-provvista tal-kollateral ma huwiex issodisfatt.

51. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, fl-ipoteżi ta' kollateral ipprovdut f'forma ta' flus kontanti ddepożitati f'kont, l-akkwist tal-pussess jew tal-kontroll mir-riċevitur tal-kollateral jimplika neċessarjament li dan ma jkollux biss kontroll prattiku fuq il-kont li jkun is-suġġett tal-kollateral, iżda li jkollu wkoll id-dritt li jimpedixxi l-irtirar tal-flus kontanti minn min jipprovdi l-kollateral, sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġu ggarantiti l-obbligi rilevanti.

52. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk teżamina jekk il-kuntratt dwar il-kont kurrenti konklużbejn il-partijiet fil-kawża prinċipali fihx klawżola li tipprevedi, fir-rigward ta' Swedbank, tali dritt li jillimita l-irtirar tal-fondi ddepożitati fil-kont ikkonċernat. Bla ħsara għal dan l-eżami, li jaqa' taħt ir-rwol awtonomu tal-qorti tar-rinviju, nirrileva li, matul is-seduta, il-partijiet fil-kawża prinċipali qablu sabiex jgħidu li l-kuntratt inkwistjoni ma fih l-ebda klawżola li tippermetti lill-bank jillimita l-irtirar jew li timponi li ċertu ammont għandu jinżamm imblokkat fil-kont. Jekk din iċ-ċirkustanza fattwali tiġi stabbilita, din twassal għall-konklużjoni li l-kollateral inkwistjoni ma jistax jitqies li ġie pprovdut konformement mar-rekwiżiti previsti mid-Direttiva 2002/47/KE u, għaldaqstant, li dan ma huwiex kopert minn dawn id-dispożizzjonijiet.

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-provvista tal-kollateral finanzjarju f'forma ta' flus kontanti ddepożitati f'kont bankarju timplika l-eżistenza ta' klawżola kuntrattwali li tagħti lir-riċevitur tal-kollateral id-dritt li jillimita l-użu tal-fondi ddepożitati f'dan il-kont, sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġu ggarantiti l-obbligi rilevanti.

Fuq it-tieni domanda

54. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2002/47/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 8 tagħha, għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tiggarantixxi lir-riċevitur tal-kollateral id-dritt li jirrealizza kwalunkwe kollateral finanzjarju, irrispettivament mit-tnedija jew mill-kontinwazzjoni ta' proċedura ta' stralċ jew ta' miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' min jipprovdi l-kollateral. Hija tenfasizza li tali prijorità mogħtija lir-riċevitur tal-kollateral finanzjarju tista' tidher li tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-krediturifil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza (*paritas creditorum*).

19 — Jien ninnota li, għalkemm din il-kwistjoni ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni adottaw pożizzjonijiet diverġenti għal dak li jikkonċerna r-rabta bejn dawn iż-żewġ kunċetti. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-"pussess jew […] il-kontroll" jikkostitwixxi kundizzjoni waħda, filwaqt li, mill-perspettiva tal-ġurisprudenza invokata mill-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll mid-duttrina tad-dritt Ingliż, dan jirrigwarda żewġ kriterji alternattivi. Ara wkoll Parsons, R., *op. cit.*, p. 185.

55. Nosserva li għalkemm il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-Artikoli 3 u 8 tad-Direttiva 2002/47/KE, id-domanda magħmula tikkonċerna iktar l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, li tikkonċerna b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-infurzar tal-kollateral finanzjarju. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti eventwali restrizzjonijiet għad-dritt tar-riċevitur tal-kollateral li jikseb is-sodisfazzjon tal-krediti tiegħu f'każ ta' falliment ta' min jipprovdi l-kollateral. Skont dik il-qorti, fin-nuqqas ta' tali restrizzjonijiet impliċiti, is-sistema stabbilita mid-Direttiva 2002/47/KE tista' tidher dibattibbli mill-perspettiva tal-imsemmi prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-krediturі.

56. Ninnota li mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/47/KE, moqri fid-dawl tal-premessi 3, 5 u 10 ta' din id-direttiva, jirriżulta li wieħed mill-għanijiet tas-sistema stabbilita minn din l-istess direttiva jikkonsisti fil-protezzjoni tal-kollateral finanzjarju kontra l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-insolvenza[20]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/47/KE jipprevedi d-dritt tar-riċevitur tal-kollateral li jirrealizza kwalunkwe kollateral finanzjarju pprovdut skont arranġament kollaterali finanzjarju ta' sigurtà. Il-paragrafi 4 u 5 tal-istess artikolu jipproteġu dan id-dritt mill-effetti tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-insolvenza. Minn naħa, dan il-paragrafu 4 jippermetti r-realizzazzjoni rapida tal-kollateral f'każ ta' inadempjenza ta' min jipprovdi l-kollateral, billi jagħmel inapplikabbli l-obbligi elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-imsemmi paragrafu. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi paragrafu 5 jimponi fuq l-Istati Membri li jiżguraw li arranġament finanzjarju kollaterali jkun jista' jidħol fis-seħħ irrispettivament mit-tnedija jew mill-kontinwazzjoni ta' proċedura ta' stralċ jew ta' miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' min jipprovdi l-kollateral jew tar-riċevitur.

57. Dawn id-dispożizzjonijiet, fil-fehma tiegħi, ma jistgħux jinqraw fis-sens li r-riċevitur tal-kollateral ma jkunx jista' jirrealizza l-kollateral f'każ ta' falliment ta' min jipprovdih, sabiex ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-krediturі l-oħra. Għall-kuntrarju, dawn għandhom l-għan li jeżentaw il-kollateral finanzjarju mill-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali dwar l-insolvenza.

58. Fil-fehma tiegħi, din il-kunsiderazzjoni ma tistax titqiegħed f'dubju bl-argument, imqajjem mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u mill-Gvern Latvjan, li jirreferi għas-sitwazzjoni tal-krediturі privileġġati, bħall-Istat, l-impjegati jew id-detenturi ta' garanzija rreġistrata.

59. Fil-fatt, kif tosserva l-Kummissjoni, mill-perspettiva tas-sistema stabbilita mid-Direttiva 2002/47/KE, ma tqumx il-kwistjoni tal-gradazzjoni tal-kreditur fil-proċedura ta' falliment, peress li din id-direttiva tfittex sempliċement li tiżgura d-dritt li jiġi rrealizzat il-kollateral fil-każijiet kollha li jwasslu għall-infurzar tiegħu. Din is-soluzzjoni hija ġġustifikata min-neċessità li tissaħħaħ iċ-ċertezza legali tal-arranġamenti finanzjarji kollaterali u li tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom[21].

60. Minkejja dan, id-Direttiva 2002/47/KE fiha dispożizzjonijiet li jippermettu li jinżamm il-bilanċ bejn il-kunsiderazzjonijiet dwar l-effikaċja tas-suq u dawk marbuta maċ-ċertezza legali.

61. L-ewwel nett, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae*, l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/47/KE jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jeskludu l-arranġamenti li fihom waħda mill-partijiet ma tkunx awtorità, korp pubbliku, istituzzjoni finanzjarja sorveljata jew kontroparti ċentrali, aġent għall-ħlas jew clearing house fis-sens tad-Direttiva 98/26[22].

20 — Ara wkoll COM(2001) 168, tas-27 ta' Marzu 2001, espożizzjoni tal-motivi dwar l-Artikolu 5.

21 — F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2002/47/KE tagħmel parti mis-sistema iktar wiesgħa tad-dritt tal-insolvenza tal-Unjoni, li tinkludi b'mod partikolari l-istrumenti leġiżlattivi ċċitati fil-premessa 4 tagħha.

22 — Fil-prattika, kif jirriżulta mir-rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva 2002/47/KE, ir-Repubblika tal-Awstrija biss iddeċidiet li tapplika din id-deroga kompletament, u ħames Stati Membri oħra japplikawha b'mod parzjali (ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Renju tal-Isvezja). Ara COM(2006) 833 final tal-20 ta' Diċembru 2006, p. 9.

62. It-tieni nett, is-sistema prevista mid-Direttiva 2002/47/KE tapplika biss għall-kollateral "ipprovdut", fis-sens tal-Artikolu 2(2) tagħha, li jimplika ċerta forma ta' "spussess" ta' min jipprovdi l-kollateral. Is-sistema prevista mid-Direttiva 2002/47/KE għalhekk tapplika biss jekk ir-riċevitur tal-kollateral jakkwista l-"pussess jew […] il-kontroll" tiegħu, fis-sens ta' din id-direttiva [23].

63. It-tielet nett, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/47/KE jipprevedi ċerti limitazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-insolvenza fir-rigward tal-kollateral ipprovdut qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza iżda li għalih tapplika r-regola tas-"siegħa żero", li tagħti effett retroattiv lil tali proċedura (paragrafi 1 u 3), kif ukoll, eċċezzjonalment, fir-rigward tal-kollateral ipprovdut wara l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza, meta r-riċevitur tal-kollateral jagħti prova tal-*bona fides* tiegħu (paragrafu 2) [24].

64. Madankollu, bla ħsara għas-sitwazzjonijiet previsti mill-imsemmi Artikolu 8, is-sistema prevista mid-Direttiva 2002/47/KE ma tkoprix il-kollateral ipprovdut wara l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza.

65. Din il-kunsiderazzjoni twieġeb, fil-fehma tiegħi, għat-tħassib espress mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Latvjan, ibbażat fuq il-fatt li t-trattament speċjali tal-kollateral finanzjarju jista' jqajjem dubju dwar il-protezzjoni tal-krediturі ipotekarji. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fl-ipoteżi fejn il-fondi miksuba mill-bejgħ ta' oġġett li jappartjeni lill-parti falluta jitħallsu fil-kont bankarju kkonċernat mill-kollateral finanzjarju, ir-riċevitur ta' dan il-kollateral ikun jista' jużahom biex jikseb is-sodisfazzjon tal-krediti tiegħu. Fil-fehma tiegħi, dan it-tħassib huwa infondat, peress li l-kollateral ipprovdut wara l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza ma huwiex kopert mis-sistema stabbilita mid-Direttiva 2002/47/KE.

66. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, kif josserva l-Gvern tar-Renju Unit, li qajjem dan l-aspett matul is-seduta, id-Direttiva 2002/47/KE ma tapplikax fl-ipoteżi fejn il-flus kontanti li permezz tagħhom jiġi pprovdut il-kollateral ikunu waslu fil-kont bankarju kkonċernat wara l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza.

67. Madankollu, għalkemm dan l-aspett ma jirriżultax b'mod ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-partijiet fil-kawża prinċipali xorta waħda indikaw b'mod konsistenti matul is-seduta li l-fondi miġbuda minn Swedbank mill-kont kurrenti ta' Izdevniecība Stilus kienu ġew iddepożitati f'dan il-kont biss wara l-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza. Jekk din il-kronoloġija tiġi stabbilita mill-qorti tar-rinviju, ikollu jiġi konkluż li l-kollateral inkwistjoni ma ġiex ipprovdut qabel il-ftuħ ta' tali proċedura u għalhekk ma huwiex kopert mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE.

68. Inqis għalhekk li l-Artikolu 4(1), (4) u (5) tad-Direttiva 2002/47/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riċevitur tal-kollateral għandu d-dritt li jirrealizza kwalunkwe kollateral finanzjarju pprovdut skont arranġament kollaterali finanzjarju ta' sigurtà, irrispettivament mit-tnedija jew mill-kontinwazzjoni ta' proċedura ta' stralċ jew ta' miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' min jipprovdi l-kollateral. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, dan id-dritt japplika għall-kollateral ipprovdut qabel il-ftuħ ta' tali proċedura.

Fuq it-tielet u r-raba' domandi preliminari

69. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-liġi Latvjana dwar il-kollateral finanzjarju tapplika għall-persuni fiżiċi, filwaqt li dawn huma espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2002/47/KE skont l-Artikolu 1(2)(e) tagħha. Għalhekk hija tistaqsi, permezz tat-tielet u r-raba' domandi preliminari, jekk tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* hijiex

23 — Ara l-punti 40 u 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 — Ara wkoll COM(2001) 168, tas-27 ta' Marzu 2001, espożizzjoni tal-motivi dwar l-Artikolu 9.

konformi ma' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE u, jekk ikun il-każ, jekk l-imsemmija dispożizzjoni għandhiex effett dirett. Filwaqt li taċċetta n-natura ipotetika ta' dawn id-domandi fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqishom importanti, fid-dawl ta' eventwali stħarriġ kostituzzjonali tal-liġi dwar il-kollateral finanzjarju.

70. Nosserva li huwa paċifiku li l-kawża prinċipali ma tinvolvix persuni fiżiċi u li, għaldaqstant, id-domandi dwar il-possibbiltà li s-sistema prevista mid-Direttiva 2002/47/KE tiġi estiża għal dawn il-persuni huma ipotetiċi.

71. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-istess domandi jistgħu jerġgħu jqumu fil-futur, matul l-eventwali eżami tal-kostituzzjonalità tal-liġi dwar il-kollateral finanzjarju mis-Satversmes tiesa (qorti kostituzzjonali), ma jistax ineħħi n-natura ipotetika ta' dawn id-domandi f'din il-kawża. Fil-fatt, ir-raġuni għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-bżonn inerenti li tiġi effettivament riżolta kontroversja [25]. Kieku l-qorti tar-rinviju kellha tressaq kwistjoni ta' kostituzzjonalità quddiem is-Satversmes tiesa (qorti kostituzzjonali), ma hemm xejn li jostakola lil din il-qorti tal-aħħar, jekk tqis li dan ikun neċessarju, milli tressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

72. Minn dan isegwi li t-tielet u r-raba' domandi preliminari għandhom jitqiesu li huma inammissibbli.

Fuq il-ħames domanda preliminari

73. Permezz tal-ħames domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiddetermina l-konsegwenzi li hija tista' tislet, f'termini ta' validità tal-klawżola inkwistjoni, fis-sitwazzjoni fejn il-portata tad-Direttiva 2002/47/KE tirriżulta li hija iktar stretta minn dik tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

74. Nosserva li r-rilevanza ta' din id-domanda kif ukoll ir-rabta tagħha mad-domandi preliminari l-oħra ma humiex spjegati fid-dettall mill-qorti tar-rinviju. Madankollu mill-formulazzjoni ta' din id-domanda jista' jiġi dedott li din hija intiża sabiex jiġi ddeterminat l-effett tad-Direttiva 2002/47/KE fuq il-kawża prinċipali, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, b'risposta għall-ewwel domanda preliminari, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa ristrett għall-kollateral relatat mas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli.

75. Fil-fatt, fis-sitwazzjoni fejn mir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda preliminari jirriżulta li l-klawżola kuntrattwali inkwistjoni ma hijiex koperta mid-Direttiva 2002/47/KE, il-qorti tar-rinviju għalhekk tintalab tiddetermina l-konsegwenzi ta' din id-differenza bejn il-portata ta' din id-direttiva u dik tal-liġi nazzjonali, fir-rigward tal-validità ta' din il-klawżola.

76. Madankollu, mir-risposta tiegħi għall-ewwel domanda preliminari jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE ma jistax jitqies li huwa limitat għall-kollateral relatati mas-sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li ma hemmx lok li tingħata risposta għal din id-domanda.

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punt 29).

Konklużjoni

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja) bil-mod li ġej:

1) L-Artikolu 1(4)(a) u l-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ġunju 2002, dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprevedu kollateral, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jiġi pprovdut fi flus kontanti ddepożitati f'kont bankarju u li jkopri l-krediti kollha tal-bank fil-konfront tad-detentur tal-kont. Il-kwistjoni dwar jekk dan il-kont jintużax fil-kuntest ta' sistemi ta' pagament u ta' saldu tat-titoli previsti mid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Mejju 1998, dwar finalità ta' *settlement* fis-sistemi ta' *settlement* ta' pagamenti u titoli, ma hijiex rilevanti.

L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/47/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-provvista tal-kollateral finanzjarju f'forma ta' flus kontanti ddepożitati f'kont bankarju timplika l-eżistenza ta' klawżola kuntrattwali li tagħti lir-riċevitur tal-kollateral id-dritt li jillimita l-użu tal-fondi ddepożitati f'dan il-kont, sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġu ggarantiti l-obbligi rilevanti.

2) L-Artikolu 4(1), (4) u (5) tad-Direttiva 2002/47/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riċevitur tal-kollateral għandu d-dritt li jirrealizza kwalunkwe kollateral finanzjarju pprovdut skont arranġament kollaterali finanzjarju ta' sigurtà, irrispettivament mit-tnedija jew mill-kontinwazzjoni ta' proċedura ta' stralċ jew ta' miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' min jipprovdi l-kollateral. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, dan id-dritt japplika għall-kollateral ipprovdut qabel il-ftuħ ta' tali proċedura.